Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ►C1 **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1964/2005**

tad-29 ta' Novembru 2005

dwar ir-rati ta' tariffa għall-banana ◄

(ĠU L 334M, 12.12.2008, p. 649)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007	L 348	1	31.12.2007

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 58M, 3.3.2009, p. 260 (1964/2005)

▼B
▼C1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1964/2005

tad-29 ta' Novembru 2005

dwar ir-rati ta' tariffa għall-banana

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 tat-13 ta' Frar 1993 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana ([1]) jipprevedi d-dħul fis-seħħ ta' reġim ta' tariffa biss għall-importazzjonijiet tal-banana sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2006.

(2) Fit-12 ta' Lulju 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati taħt l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 bil-ħsieb li jiġu mmodifikati ċerti konċessjonijiet għall-banana. Għaldaqstant, il-Komunità nnotifikat lid-WTO fil-15 ta' Lulju 2004 bl-intenzjoni tagħha li timmodifika l-konċessjonijiet dwar il-punt 0803 00 19 (banana) fl-Iskeda CXL tal-KE. In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tat-Trattat u l-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura u fi ħdan il-qafas tad-direttivi dwar in-negozjati maħruġin mill-Kunsill.

(3) Il-Kummissjoni ma rnexxilhiex tinnegozja ftehim aċċettabbli ma' l-Ekwador u l-Panama, li għandhom interess ta' forniment prinċipali, u l-Kolombja u l-Kosta Rika, li għandhom interess ta' forniment sostanzjali, fi prodotti ta' HS sub-titolu 0803 00 19 (banana). Skond l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO ta' l-14 ta' Novembru 2001 dwar il-Komunitajiet Ewropej — il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE, il-Kummissjoni kellha konsultazzjonijiet ukoll ma' Membri oħrajn tad-WTO. Dawn il-konsultazzjonijiet ma wasslux għal ftehim aċċettabbli.

(4) Fil-31 ta' Jannar 2005 l-Komunità nnotifikat lid-WTO bl-intenzjoni tagħha li tibdel il-konċessjonijiet tagħha dwar il-punt 0803 00 19 (banana) b'dazju kkonsolidat ta' EUR 230/tunnellata.

(5) Il-proċedura ta' arbitraġġ stabbilita fl-Anness għad-Deċiżjoni nbdiet fit-30 ta' Marzu 2005. Id-Deċiżjoni ta' l-Arbitru maħruġa fl-1 ta' Awissu 2005 kkonkludiet li r-rata ta' tariffa ta' l-MFN ta' EUR 230/tunnellata proposta mill-Komunità ma kinitx konsistenti ma' l-Anness imsemmi hawn fuq minħabba li ma kinitx ser tirriżulta ta' l-inqas fiż-żamma ta' l-aċċess għas-suq totali għall-forniturі tal-MFN. Il-Kummissjoni rrevediet il-proposta tal-Komunità fid-dawl tas-sejbiet ta' l-arbitru. F'tieni deċiżjoni ta' arbitraġġ, maħruġa fis-27 ta' Ottubru 2005, l-Arbitru kkonkluda li l-proposta riveduta għal rata ta' tariffa ta' l-MFN ta' EUR 187 tunnellata tonqos milli tirratifika l-kwistjoni. Għalhekk il-Kummissjoni mmodifikat aktar il-proposta tagħha sabiex tirratifika l-kwistjoni.

(6) Għandha tinfetaħ ukoll kwota ta' rata ta' tariffa għall-banana li toriġina mill-pajjiżi AKP f'konformità ma' l-impenji Komunitarji skond il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE.

([1]) ĠU L 47, 25.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.

▼C1

(7) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll miżuri transitorji rigward b'mod partikolari, il-ġestjoni tal-kwota ta' rata ta' tariffa għall-banana li toriġina mill-pajjiżi AKP, għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [1],

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Mill-1 ta' Jannar 2006 r-rata ta' tariffa għall-banana (kodiċi NM 0803 00 19) għandha tkun EUR 176/tunnellata.

▼M1

_____

▼C1

Artikolu 2

Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u miżuri transitorji neċessarji biex tkun iffaċilitata l-bidla mill-arranġamenti eżistenti għal dawk imniżżlin f'dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 3(2).

Artikolu 3

1. Il-Kummisjsoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Maniġerjali għall-Banana stabbilit bl-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 404/93 (KE) (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat").

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.